MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 639/2012

**G.M.F. Precast Limited**

**vs**

**Joseph Farrugia u martu Ruth Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-22 ta' Gunju 2012 li jghid hekk:

Illi l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta esponenti is-somma ta' sittax-il elf tmien mija u erbatax-il euro u tlieta u sebghin centezmu (€16,814.73c) rapprezentanti in kwantu ghal erbatax-il elf wiehed u sebghin euro u hamsa u disghin centezmu (€14,071.95c) bilanc ta' prezz ta' pre-stressed concrete slabs lilu mibjugha u lilu konsenjati, u in kwantu ghal elfejn seba' mija tnejn u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmu (€2,742.78c) imghax kummercjali li ddekorra minn dakinhar tal-konsenja.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghall-hlas huwa baqa' inadempjenti.

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni xi jqajjem ghat-talba ghall-hlas.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti in vista tal-premess u dispensat is-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et. seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-istess intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' sittax-il elf tmien mija u erbatax-il euro u tlieta u sebghin centezmu (€16,814.73c) rapprezentanti in kwantu ghal erbatax-il elf u wiehed u sebghin euro u hamsa u disghin centezmu (€14,071.95c) bilanc ta' prezz ta' pre-stressed concrete slabs lilu mibjugha u lilu konsenjati, u in kwantu ghal elfejn seba' mija tnejn u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmu (€2,742.78c) imghax kummercjali li ddekorra minn dakinhar tal-konsenja.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali ulterjuri b'effett millum, l-intimat li huwa min issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti kollha tas-socjeta attrici;

Rat li l-konvenuti ma resqux l-eccezzjonijiet kif awtorizzati b'digriet tal-25 ta' Lulju 2012, u ghalhekk huma kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Maria Brincat, Direttur tas-socjeta attrici li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont kif mitlub mis-socjeta attrici ghadu kollu dovut u li ma thallas ebda parti minnu.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' sittax-il elf tmien mija u erbatax-il euro u tlieta u sebghin centezmu (€16,814.73c) rapprezentanti in kwantu ghal erbatax-il elf u wiehed u sebghin euro u hamsa u disghin centezmu (€14,071.95c) bilanc ta' prezz ta' pre-stressed concrete slabs lilhom mibjugha u lilhom ikkonsenjati, u in kwantu ghal elfejn seba' mija tnejn u erbghin euro u tmienja u sebghin centezmu (€2,742.78c) imghax kummercjali li ddekorra minn dakinhar tal-konsenja, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-prezentata tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------